# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 1060/16/1 LM**

**Safet Malta Limited (C-70033)**

**v.**

**Cambio Stile Limited (C-51755)**

**Il-Qorti:**

1. Safet Malta Limited fetħet din il-kawża kontra Cambio Stile Limited li permezz tagħha talbet lill-Qorti sabiex tikkundannaha tħallasha €168,478.89 prezz ta' materjal li kkunsinattilha fuq struzzjonijiet tagħha.

2. Cambio Stile Limited eċċepiet li l-attriċi ma setgħetx tipproċedi f'din l-istanza in kwantu ma ġietx debitament awtorizzata miż-żewġ diretturi

tagħha; li l-attriċi ma għamlitilha ebda fornitura; li fil-preżent hija kreditriċi tal-attriċi u li m'għandha tħallasha xejn.

3. B'sentenza tad-19 ta' Ġunju 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta u laqgħet it-talba għall-ħlas limitatament għas-somma ta' €144,335.98.

4. Fil-5 ta' Lulju 2019, il-konvenuta appellat mis-sentenza, u minn digriet kamerali li ngħata waqt il-kawża, b'erba' aggravji. L-attriċi ddefendiet il-pronunzjament tal-Prim'Istanza.

5. L-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti "inkwadrat ħażin il-premessi u t-talbiet tal-appellata". Skontha, li ġara kien li l-attriċi ħallset għal materjal ordnat mill-appellanti mingħand terzi. Li jfisser li ma saritilha l-ebda kunsinna ta' materjal mingħand l-attriċi. Għalhekk, tkompli ssostni l-appellanti, m'hemm l-ebda rabta bejn il-premessa tal-kunsinna u t-talba għall-ħlas. Tilmenta li l-Ewwel Qorti, filwaqt li għarfet il-pożizzjoni difenzjonali tal-konvenuta, issa appellanti, fis-sens li l-kawża ġiet postulata ħażin għaliex in-negozju bejn il-partijiet ma kienx dwar fornitura ta' materjal iżda dwar finanzjament fil-forma ta' ħlas mill-attriċi (issa l-appellata) ta' ordnijiet li l-konvenuta (issa l-appellanti) għamlet mingħand terzi, waqfet hemm. M'għamlet l-ebda kunsiderazzjoni ulterjuri dwar din id-difiża.

6. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, l-Ewwel Qorti ikkonkludiet hekk:

> "Il-Qorti tinsab konvinta li l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà attriċi tħallas għal ordnijiet ta' materjali li ġew ikkonsenjati lis-soċjetà konvenuta, bis-soċjetà konvenuta sussegwentement tħallas lura lis-soċjetà attriċi fiż-żmien stipulat".

7. L-Ewwel Qorti ma qalitx minn min saret il-konsenja u għalhekk huwa minnu li ma ndirizzatx, almenu mhux espliċitiment, l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-attriċi m'għamlitilha l-ebda kunsinna.

8. Kif tajjeb twieġeb l-appellata fir-risposta tal-appell tagħha, il-materjal inxtara minnha. Il-fornituri biegħu u ffatturaw lilha u mhux lill-appellanti. Il-kuntratt ta' bejgħ ma kienx mal-appellanti. Dan jirriżulta mill-*invoices* NCC1, NCC2 u NCC5.[1] Jirriżulta wkoll minn *email* li bagħat Nicolo` Casassa f'isem l-appellata lil Sebastiano Vicario, uniku direttur tal-appellanti, li fiha kitiblu "*Avrei bisogno di una tua conferma per poter procedere con gli ordini ai fornitori*". **Materjalment**, il-kunsinna saret minn dawn il-fornituri direttament lill-appellanti; iżda dan fuq struzzjonijiet tal-appellata, bħala xerrejja; għalhekk, **legalment** il-kunsinna saret mill-appellata.

9. Huwa minnu li n-negozju kien wieħed ta' finanzjament, iżda dan ma sarx billi l-appellanti xtrat il-materjal u l-appellata ħallsitulha. L-appellata

[1] Fol. 32, 33 u 38 rispettivament.

xtratu hi u kkunsinnatulha.

10. L-ewwel aggravju huwa għalhekk mingħajr bażi.

11. It-tieni aggravju hu li l-Ewwel Qorti m'emmnitx li l-ħlasijiet li għamlet l-appellata in konnessjoni mal-fornituri fuq imsemmija kienu bi tpaċija ma' servizzi allegatament ipprestati mill-appellanti dwar il-proġett tal-*istudio filming*, għaliex dan ġie varat fis-sena 2016 filwaqt li l-ordnijiet in kwistjoni tħallsu fl-2015. Tgħid li effettivament fis-sena 2016 kien hemm it-tieni fażi tal-proġett tal-films; l-ewwel fażi kienet tikkonsisti fix-*short listing* tal-applikanti eliġibbli. Dan iżda ma jirriżulta minn imkien fil-provi mressqa. Apparti minn hekk, il-Qorti ma bbażatx il-konklużjoni tagħha fuq id-dati biss, imma wkoll għaliex:

> "Ġie stabbilit ukoll li l-proġett tal-*istudio filming* kien proġett tal-Malta Film Commission li nediet sejħa għall- expression of interest internazzjonali sabiex tattira lejn Malta kumpanniji jew film studios li jkunu interessati fit-tmexxija tal-film facilities tar-Rinella, liema proġett baqa' ma mmaterjalizzax għajr għall-ħruġ tal-imsemmija sejħa għall-espressjonijiet ta' interess, li s-soċjetà attriċi pparteċipat fiha, iżda wara irtirat l-espressjoni ta' interess tagħha. Għaldaqstant mhux ċar għal liema raġuni s-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi li s-soċjetà attriċi kellha tħallas għall-ordnijiet u għall-fatturi ta' Alberta Fire & Security Equipment Limited u ta' Project Technik, b'ringrazzjament jew bħala ħlas għal xogħol li s-soċjetà konvenuta għamlet b'rabta mal-proġett tal-istudio filming, meta dan il-proġett ma seħħx, u meta huwa ċar li l-proġett waqaf fi stadju meta kien għadu ma sar l-ebda xogħol fuqu".

12. Din il-Qorti ta' reviżjoni ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti; anzi taqbel miegħu.

13. Din il-Qorti żżid li, kif sewwa rrimarkat l-appellata fir-risposta tal-appell, li tistieden lill-Qorti temmen li xi ħadd jagħti rigal ta' €160,000 lil xi ħadd talli nfurmah *b'expression of interest internazzjonali*, li kienet pubblika, huwa insult lejn l-intelliġenza tagħha.

14. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jiswiex.

15. It-tielet aggravju huwa dwar digriet kamerali li ngħata fit-18 ta' Ġunju 2019. Permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet talba tal-appellanti biex, għaxart ijiem qabel kellha tingħata s-sentenza, titħalla tesebixxi xi dokumenti konsistenti f'*emails* li stqarret li ma kinitx taf bihom qabel. Dawn il-Qrati ilhom li stabbilew li ġaladarba jingħalaq l-istadju tal-provi, ma jistgħux jiġu prodotti iktar provi, inkluż dokumenti, kif ġieb u laħaq. Irid jiġi ppruvat li jkun hemm ċirkostanza gravi u serja iżda l-appellanti ma ppruvat xejn minn dan.

16. Dan l-aggravju huwa wieħed frivolu għall-aħħar.

17. Ir-raba' aggravju hu li l-Ewwel Qorti m'emmnitx id-depożizzjoni ta' Ibrahim Yassine li rtira l-kunsens tiegħu li ssir din il-kawża. Dan fil-kuntest tal-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta Ġuramentata, li r-rikorrenti ma setgħetx tipproċedi f'din l-istanza in kwantu ma ġietx debitament awtorizzata miż-żewġ diretturi tagħha.

18. Tassew li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx lil Yassine bħala xhud kredibbli għaliex, għalkemm kien direttur tas-soċjetà attriċi, huwa kellu kwistjonijiet mad-direttur l-ieħor Casassa:

> "Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda ta' Ibrahim Yassine, li minkejja li għadu reġistrat bħala direttur tas-soċjetà attriċi, dan xehed li fil-fatt huwa kellu kwistjonijiet mal-familja Casassa u saret kawża kontrih fejn ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €250,000 lil Safet. Għalhekk dak li ntqal minn Yassine waqt id-depożizzjoni tiegħu f'din il-kawża, għandu jittieħed bil-benefiċċju tad- dubju u jrid jiġi kkonsidrat fid-dawl ta' dawn il-fatti li ħarġu mix-xhieda tiegħu stess".

19. Din il-Qorti żżid li l-kredibilità ta' Jassine tkompli titbaxxa mitqies il-fatt li mhux biss kellu konflitti ma' Casassa, imma barra minn hekk kien ħabib ta' Vicario.

20. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

> "Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' riżoluzzjoni mgħoddija mill-bord tad-diretturi tas-soċjetà attriċi li permezz tagħha l-Avukat Kris Borg u l-PL Hilda Ellul Mercer ngħataw prokura speċjali sabiex ikunu jistgħu jistitwixxu l-proċeduri odjerni għan-nom tas-soċjetà attriċi kontra s- soċjetà konvenuta, u dan bi tweġiba għall-eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta li ma kienx hemm id-debita awtorizzazzjoni biex setgħet tiġi istitwita din il-kawża.
>
> "Permezz ta' nota tal-10 ta' Marzu, 2017 is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja ta' email tat-23 ta' Settembru, 2016, fejn Nicolò Casassa, wieħed minn żewġ diretturi tas-soċjetà attriċi, talab lil Ibrahim Yassine, id-direttur l-ieħor tas- soċjetà attriċi, awtorizzazzjoni sabiex jinbdew proċeduri kontra s-soċjetà konvenuta, kopja ta' email tal-24 ta' Settembru, 2016 fejn Ibrahim Yassine qabel li jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontra s-soċjetà konvenuta, u konsegwentement Casassa talab lil Yassine jiffirma r-riżoluzzjoni li permezz tagħha l-mandatarji maħtura mis-soċjetà attriċi ngħataw awtorizzazzjoni jipproċedu b'din il-kawża, kopja tar-riżoluzzjoni tas-soċjetà attriċi, kif ukoll estratt mill-*website* tal-MFSA li jindika li l-uniċi żewġ diretturi tas-soċjetà attriċi huma Nicolò Casassa u Ibrahim Yassine, u dan sabiex tiġi indirizzata l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta".

21. Għalkemm l-appellanti taċċenna għall-fatt li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx lil Jassine bħala xhud ta' min joqgħod fuqu, din il-Qorti tinnota, għall-korrettezza, li dan qalitu b'mod ġenerali u mhux b'riferenza speċifika għall-allegat irtirar tal-kunsens.

22. Irrispettivament minn jekk Jassine għandu jitwemminx jew le, apparti ma nġiebet l-ebda prova r-riżoluzzjoni in kwistjoni tal-kumpanija ġiet imħassra. Dan irid isir b'mod formali skont l-istatut tal-kumpanija u mhux sempliċiment għaliex wieħed mid-diretturi jbiddel il-ħsieb. L-appellanti tistrieħ fuq *email* tas-27 ta' Ġunju 2017 mibgħuta minn Yassine lil Casassa bħala prova tal-irtirar tal-kunsens, mibgħuta seba' xhur wara li nfetħet din il-kawża u wara l-eċċezzjoni f'dan is-sens li kienet saret fir-risposta ġuramentata. Għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tirreferi għall-*email*. Dan apparti li fl-*email*[2] filwaqt li hemm protesta talli Casassa kien sejjer jixhed kontra Vicario, kif ukoll ilmenti oħra li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża, m'hemm l-ebda dikjarazzjoni li Yassine kien qiegħed jirtira l-kunsens tiegħu li ssir din il-kawża.

23. Għalhekk dan l-aggravju wkoll huwa infondat.

---

[2] Dok NCC8 a fol 43.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

25. Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da